Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,333, 23 ta' Settembru, 1996
Taqsima B

A.L. 183 ta' l-1996

ATT TA' L-1996 DWAR NOMINI MILL-OPPOŻIZZJONI (ATT NRU. IX TA' L-1996)

Ordni ta' l-1996 dwar Nomina mill-Oppożizzjoni fil-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Nomini mill-Oppożizzjoni, il-Prim Ministru ordna li wieħed mill-membri li jistgħu jkunu nominati mill-Ministru responsabbli għall-industrija u li ma jkunx iċ-*Chairman*, id-Deputat *Chairman* jew iż-żewġ diretturi li jkunu nominati minn fost uffiċjali pubbliċi skond l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, Kap. 202, għandu jinħatar mill-Prim Ministru skond u taħt l-imsemmi artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Nomini mill-Oppożizzjoni.